# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 34**

**Rikors Numru 885/11 JA**

**Frank Yeatman**

**Vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbiku**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' April 2012 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti dwar il-kap tal-ispejjeż fejn akkollat l-ispejjeż tal-kawża fuq ir-rikorrent, u tħassarha u tirrevokaha

f'dik il-parti fejn laqgħet it-talba tar-atturi[1] u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-istess rikorrent.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:
>
> "1. Illi fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 5789 tas-sena 1943 liema att jirreferi għat-twelid tal-istanti, Frank Yeatman, nhar is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u erbgħin (1943) fil-Gżira, Malta, kopja ta' liema att tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'A', il-kunjom tal-esponenti huwa indikat bħala 'Yeatman';
>
> "2. Illi l-ġenituri tal-esponenti żżewġu fit-3 ta' Frar, 1940, skond id-dokumenti hawn anness u mmarkat bħala Dok 'B', u sussegwentement, ottenew divorzju, u omm l-esponenti fit-3 ta' April 1952 kkuntrattat it-tieni ż-żwieġ ma' Jack Steele, l-Ingilterra, skond l-anness dokument hawn immarkat bħala Dok 'C';
>
> "3. Li l-esponenti flimkien ma' ommu u t-tieni raġel ta' ommu, Jack Steele, irrisjedew l-Ingilterra, u fil-fatt l-esponenti huwa detentur ta' żewġ passaporti, u ċjoe' passaport Brittaniku, u passaport Malti;
>
> "4. Illi sa minn meta kien tifel ta' għaxar snin, l-esponenti kien dejjem magħruf b'kunjom it-tieni raġel ta' ommu, u ċjoe' 'Steele';
>
> "5. Illi effettivament, l-esponenti fuq il-passaport Malti huwa magħruf bħala 'Frank Yeatman' u fuq il-passaport Brittaniku huwa magħruf bħala 'Frank Steele';
>
> "6. Illi l-esponenti sa minn meta kellu għaxar snin kien magħruf, kemm mal-membri tal-familja tiegħu kif ukoll ma' terzi persuni oħra li jafuh, bħala Frank Steele u mhux Frank Yeatman, hekk kif indikat u għalhekk jidher li

[1] Jiġi ċċarat li effettivament kien hemm rikorrent wieħed (u mhux "atturi") u li l-ewwel qorti **ċaħdet** it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promutur, u mhux laqgħethom. Madanakollu ordnat li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid.

għandha ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid surreferit, fis-sens li kunjom l-esponenti għandu jaqra 'Yeatman Steele';

"7. Illi l-esponent għandu interess biex l-att tat-twelid sopra indikat jiġi korrett sabiex jirrifletti l-istat attwali skond kif jiddisponi l-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

"8. Illi l-esponenti huwa ndikat bil-kunjom 'Steele' ukoll fl-atti ċivili oħra li huwa kien parti fihom s'issa, kif ser jiġi pruvat f'din il-kawża;

"Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

"1. Tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 5789 tal-1943, liema att jirreferi għat-twelid tar-rikorrent Frank Yeatman, fis-sens li fil-kolonna ntestata *"kunjom"* il-kunjom *"Yeatman"* jiġi miżjud bil-kunjom *"Yeatman Steele"*;

"2. Tordna lill-intimat jagħmel l-opportuni korrezzjonijiet;

"3. Illi, l-bdil affetwat fl-att tat-twelid mertu ta' dawn il-proċeduri, għandu jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess attur u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Liġijiet ta' Malta.

"Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-istess konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentat fil-25 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

"1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

"2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat li, diversament min dak ingħad fil-premessa numru wieħed tar-Rikors Ġuramentat ippreżentat mir-rikorrenti, il-kunjom li hemm indikat fl-Att tat-twelid oriġinali ta' Frank Yeatman li jġib in-numru ta' skrizzjoni 5789 tas-sena 1943 (Dok A.) m'huwiex dak tiegħu iżda dak ta' missieru. Difatti, l-imsemmi Att tat-Twelid oriġinali tar-rikorrenti ma jipprovdi

l-ebda kolonna, intestatura jew spazju ta' l-ebda tip fejn jista' jiġi inserit il-kunjom tat-tarbija.

"3. Illi, dejjem bla ħsara għal premess, jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi li t-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli u dan *stante* li kunjom missier ir-rikorrenti fil-mument tat-twelid ta' Frank Yeatman huwa korrett u ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data tar-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid *de quo* kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni jew tiswija ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi atti tal-istat ċivili skond id-dettami ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

"4. Illi dejjem bla ebda preġudizzju għas-suriferit lanqas it-tielet talba ma tista tintlaqa għaliex skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ir-rikorrenti għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huwa qiegħed jagħmel riferenza għalihom;

"5. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

"6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

"Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li l-attur talab li t-talbiet tiegħu jigi ristretti għall-annotazzjoni fl-att tat-tweld tiegħu;

"Ikkunsidrat;

"Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

"Illi kif sewwa eċċepixxa l-konvenut it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors promotur ma tistax tiġi milqugħa għaliex hija bbażata fuq

fatti li ġraw wara t-twelid tiegħu, u ma hemm ebda relazzjoni mal-kunjom li qed jitlob li jiġi assenjat. Madankollu huwa qed jirrimetti ruħu mat-talba għal annotazzjoni.

"**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi kollha iżda tordna li fl-Att tat-Twelid tal-attur tiżdied annotazzjoni fis-sens li huwa magħruf bil-kunjom *"Yeatman Steele".***

"**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur stess.**"

## Rikors tal-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (11.05.2012):

**3.** Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jispjega li ħass ruħu aggravat minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqgħet it-talba attriċi rigwardanti l-bidla fil-kunjom tar-rikorrent u li kien għalhekk li interpona dan l-appell minnha. (Jiġi ppreċiżat pero` li l-ewwel Qorti fil-fatt ma ordnat l-ebda "bidla" fil-kunjom tar-rikorrent, iżda sempliċiment ordnat li jsir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu fis-sens li huwa magħruf bil-kunjom "Yeatman Steele").

**4.** L-intimat jgħid li l-motiv tal-aggravju jikkonsisti f'ekwivoku li nħoloq meta l-ewwel Qorti assumiet li huwa kien "*qed jirrimetti ruħu mat-talba għal annotazzjoni*". Huwa jsostni li effettivament ma rrimettiex ruħu bil-mod kif inhu indikat fis-sentenza, iżda irrimetta ruħu limitatament għall-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrent minn waħda ta' korrezzjoni għal waħda ta' annotazzjoni. Jaċċenna għall-fatt li huwa anzi nsista li kien qed joġġezzjona għat-talba kif mibdula fil-verbal u dan għall-istess raġuni indikata fis-sentenza u ċioe` li t-talba għal annotazzjoni ma tistax tiġi

milqugħa għaliex hija ibbażata fuq fatti li ġraw wara t-twelid tiegħu u ma hemm l-ebda relazzjoni mal-kunjom li qed jitlob li jiġi assenjat.

**Ebda risposta tar-rikorrent għall-appell**

**5.** Ir-rikorrent ma ppreżentax risposta għall-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

**Sfond tal-kawża**

**6.** Il-kronoloġija tal-fatti hi s-segwenti:

03.02.1940 Esther Camilleri żżewġet lil Douglas Charles Walter Yeatman f'Valletta, Malta[2];

16.09.1943 twieled binhom, ir-rikorrent Frank Yeatman[3] fil-Gżira, Malta;

03.04.1951 omm ir-rikorrent, wara li ottjeniet divorzju minn missier ir-rikorrent, iżżewġet lit-tieni raġel tagħha, Jack Steele[4] fl-Ingilterra;

**7.** Ir-rikorrent jispjega li huwa kien jirrisjedi ma' ommu u mat-tieni raġel tagħha fl-Ingilterra u li minn meta kellu għaxar (10) snin dejjem kien magħruf b'kunjom it-tieni raġel ta' ommu: u ċioe` "Frank Steele" u mhux "Frank Yeatman". Huwa għalhekk għamel din il-kawża a tenur

[2] Ċertifikat taż-żwieġ, fol 10
[3] Ċertifikat tat-twelid, fol 9
[4] Ċertifikat taż-żwieġ, fol 11

tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili sabiex issir korrezzjoni fl-att tat-twelid tiegħu b'mod li l-kunjom tiegħu minflok "Yeatman" jiġi jaqra "Yeatman Steele".

**8.** Fil-verbal tal-1 ta' Marzu 2012[5] ġie dikjarat li "*L-attur talab li t-talba tiegħu tiġi ristretta għal annotazzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu, fis-sens li huwa jkun magħruf bil-kunjom "Yeatman Steele*". Fir-rigward tal-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ġie verbalizzat illi: "*Fiċ-ċirkostanzi Dr Fiott tirrimetti ruħha".*

**9.** L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha osservat li kellu raġun l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jeċċepixxi li t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promutur ma setgħetx tintlaqa' peress li hija ibbażata fuq fatti li ġraw wara t-twelid, u li ma hemm l-ebda relazzjoni mal-kunjom li r-rikorrent qed jitlob li jiġi assenjat. Pero` spjegat li "*Madanakollu huwa qed jirrimetti ruħu mat-talba għal annotazzjoni*". Għalhekk għalkemm ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent ordnat li fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent Frank Yeatman tiżdied annotazzjoni fis-sens li huwa magħruf bil-kunjom "Yeatman Steele".

**10.** Fir-rikors tal-appell tiegħu id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jilmenta li l-ewwel Qorti skorrettement assumiet li huwa kien "*qed*

---

[5] Fol 25

*jirrimetti ruħu mat-talba għal annotazzjoni"* meta huwa invece kien qed jirrimetti ruħu limitatament għall-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrent minn waħda ta' korrezzjoni għal waħda ta' annotazzjoni. F'dan ir-rigward anzi jgħid li fil-fatt huwa kien oġġezzjona għat-talba kif mibdula fil-verbal u dan għaliex it-talba għal annotazzjoni ma tistax tiġi milqugħa kemm għaliex hija bażata fuq fatti li ġraw wara t-twelid tar-rikorrent, kif ukoll għaliex ma hemm l-ebda relazzjoni mal-kunjom li qed jitlob li jiġi assenjat.

**11.** Skont il-verbal tal-1 ta' Marzu 2012 ir-rikorrent talab li t-talba tiegħu, li kienet waħda għal korrezzjoni fl-Att tat-Twelid, tiġi "ristretta" għal annotazzjoni fl-Att tat-Twelid. Huwa fil-fatt ma jidhirx li talab "korrezzjoni" fit-talbiet tiegħu, kif donnu qed jimplika l-intimat, u fil-fatt l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu. L-ewwel Qorti pero` abbażi tal-istess verbal fejn ġie reġistrat li l-intimat kien qed jirrimetti ruħu fir-rigward tat-talba għall-annotazzjoni, ordnat li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid biex ikun indikat li huwa magħruf bil-kunjom "Yeatman Steele".

**12.** Għalkemm l-intimat appellant isostni li kien hemm ekwivoku da parti tal-ewwel Qorti fis-sens li huwa kien qed "jirrimetti ruħu" biss għal korrezzjoni fit-talba minn waħda għal korrezzjoni għal waħda għal annotazzjoni u mhux "jirrimetti ruħu" għat-talba għal annotazzjoni *per*

se, ma tirriżulta reġistrata l-ebda oġġezzjoni da parti tal-istess intimat appellant fir-rigward tat-talba għal annotazzjoni kif l-istess intimat qed jgħid li għamel.

**13.** Fi kwalunkwe każ, l-argument tiegħu li talba għal annotazzjoni ma tistax tintlaqa' għaliex (i) hija bażata fuq fatti li ġraw wara t-twelid, u għaliex (ii) ma hemm l-ebda relazzjoni mal-kunjom li qed jintalab li jiġi assenjat, huwa fil-fehma ta' din il-Qorti infondat. Dan qed jingħad għaliex fl-ewwel lok bl-annotazzjoni *per se* l-Att tat-Twelid mhux ser jiġi korrett u għalhekk mhux ser jinbidlu l-fatti eżistenti fid-data tat-twelid tar-rikorrent, u fit-tieni lok, huwa mhux qed jitlob iktar li jiġi "assenjat" il-kunjom "Yeatman Steele" imma biss li ssir annotazzjoni li huwa magħruf bħala "Yeatman Steele" u in oltre ma jistax jingħad li ma hemmx "relazzjoni" mal-kunjom li qed jintalab li jitniżżel fl-annotazzjoni, li wara kollox huwa kompost minn kunjom missieru u kunjom ir-raġel ta' ommu. Ir-rikorrent fil-fatt ikkonferma bil-ġurament li anzi dejjem kien magħruf b'kunjom ir-raġel ta' ommu u ċioe` "Steele".

**14.** Huwa opportun li ssir riferenza għad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-2 ta' Marzu 1994 fil-kawża fl-ismijiet **John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**. F'dan il-każ l-attur kien talab korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni (li ġiet milqugħa) biex issir "annotazzjoni" fl-Att tat-Twelid

tiegħu biex ikun indikat li huwa jġib il-kunjom ta' ommu u ta' missieru flimkien. (Il-kawża kienet ġiet intavolata qabel l-emendi fil-Kodiċi Ċivili li ipermettew persuna ġġib kunjom ommha wkoll.) L-ewwel Qorti (Prim'Awla) wara li eżaminat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kienet qablet li kellha ssir annotazzjoni fil-marġini tal-Att tat-Twelid tiegħu li tindika li huwa jġib il-kunjom "Zammit Pace" u spjegat li dan huwa utli għall-aħjar identifikazzjoni tiegħu. Din il-Qorti tal-Appell ikkonfermat tali deċiżjoni u spjegat illi b'annotazzjoni (kuntrarjament għal korrezzjoni) "*l-Att tat-Twelid mhux se jiġi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li għandhom terzi persuni żgur se jiġu mħarsin. Dan hu fil-fatt wieħed mill-iskopijiet prinċipali li jservi għalih ir-Reġistru Pubbliku, u ċioe` li jkun hemm mod kif terzi li jkunu jridu jikkontrattwaw ma' ċertu individwu jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu riċerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet……. Fil-każ preżenti, il-pubbliku se jkun jaf li l-attur twieled bil-kunjom ta' Zammit pero` dana dejjem issejjaħ Zammit Pace, u għalhekk, se mai, il-pubbliku se jkollu informazzjoni aktar fuq l-individwu konċernat u mhux anqas.*"

**15.** Hekk ukoll f'dan il-każ huwa utli li l-pubbliku jkun jaf li għalkemm ir-rikorrent twieled bil-kunjom "Yeatman" huwa għandu wkoll konessjoni mal-kunjom "Steele".

Għal dawn l-motivi din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi

tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha: kemm fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent iżda ordnat li ssir l-annotazzjoni, u kemm fir-rigward tal-ispejjeż, u ċioe` li għandhom ikunu a kariku tal-istess rikorrent.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-intimat, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df